MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2347/2003

**GasanMamo Insurace Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Autorentals Company Limited (C326) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Autorentals Company Limited**

**Vs**

**Pierre Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm153.97) rappresentanti danni kagonati f'incident awtomobilistiku tad-19 ta' Novembru 2001 fi Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara, bejn il-vettura bin-numru DBE-714, misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru BBK-216 misjuqa minn George Debattista u proprjeta ta'l-assikurati tas-socjeta

attrici Autorentals Company Limited, liema vettura kienet assikurata taht polza “comprehensive” mas-socjeta attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’l-assikurati taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha. L-ammont mitlub jinkludi Lm50 “excess” imhallsa mill-atturi Autorentals Company Limited.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Ottubru 2003 u ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta’ Ottubru 2003 sal-gurnata tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm153.97), bl-imgahxijiet legali mit-13 ta’ Ottubru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Ottubru 2003 u ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------